MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Numru. 903/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**v**

**Ronald Buhagiar ta' 28 sena bin Epiphanio u Antonia nee Attard imwieled Pieta' fit-28/08/1977 u joqghod Flat 3, Vilhena Court, Triq il-Hagar, Santa Margerita, Mosta li ghandu karta tal-identita' bin-numru 460577(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ronald Buhagiar li gie akkuzat talli fit-23 ta' Awissu, 2006 ghall-habta tas-1.00 p.m. u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa tal-Pieta'

ikkommetta serq ta' diesel li l-ammont tieghu huwa ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm 100) izda anqas minn elf lia Maltina (Lm1,000) ghad-dannu tad-dirigenti ta' Francis Busuttil and Sons marketing Ltd. ta' Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

U aktar talli fl-istess perjodu f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta kif ukoll barra, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 19.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuza ta' ricettazzjoni (fl 24 u 29). Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni irtirat l-ewwel akkuza ta' serq.

Rat il-pre sentencing report esebit.

Semghet ukoll li l-akkuzat issalda il-pretensjonijiet li kien hemm bejnu u bejn is-socjeta' leza (vide xhieda ta' Michael Busuttil).

Ghaldaqstant issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuza ta' ricettazzjoni wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9. Dwar il-piena konsiderando l-ammissjoni bikrija, l-hlas tas-somma lis-socjeta' leza u l-kondotta netta tieghu, tqis li ghandu jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor ghal sentejn mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------